

PROTOKOLL (Nru 16)
DWAR ĊERTI DISPOŻIZZJONIJET LI GĦANDHOM X'JAQSMU
MAD-DANIMARKA

IL-PARTIJET KONTRAENTI GĦOLJA,

WARA li kkunsidraw li fil-Kostituzzjoni Daniża hemm dispożizzjonijiet li jistgħu jimplikaw li jsir referendum fid-Danimarka qabel ma dan l-Istat jirrinunzja għad-deroga tiegħu,

BILLI, fit-3 ta' Novembru 1993, il-Gvern Daniż għarraf lill-Kunsill bl-intenzjoni tiegħu li ma jipparteċipax fit-tielet stadju ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja,

QABLU dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin, li huma annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea:

1. Id-Danimarka għandu jkollha deroga in vista tan-notifika lill-Kunsill mill-gvern Daniż fit-3 ta' Novembru 1993. L-effett ta' din id-deroga jkun li l-Artikoli u d-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattati u ta' l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE li jirrifere għal deroga għandhom ikunu applikabbli għad-Danimarka.
 2. Il-proċedura prevista fl-Artikolu 140 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea sabiex tintemm id-deroga ma tinbediex ħliet fuq it-talba tad-Danimarka.
 3. Fil-każ li tintemm id-deroga, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll jieqfu milli japplikaw.
-